MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1505/2005

**Talba Nru: 1505/05VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet tas-26 ta' Novembru 2007, l-isem Maltacom p.l.c. inbidel ghal GO p.l.c.

Vs

Abdel Latif Abdel Rahman Yaiya (Id. 21505A)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u tmenin lira Maltin u disa u tletin centezmu (Lm588.39c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma servizz telefoniku bin-numru 21372063,

skond diversi kontijiet mibghuta lil-konvenut, li gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf, tlett mija u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1370.58), ekwivalenti ghal Lm588.39c, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------